



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7613/19

SOC 225
EMPL 179
ECOFIN 312
EDUC 161

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	15 ta' Marzu 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6635/19 + COR 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2019 (15 ta' Marzu 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2019, adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Marzu 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2019

FILWAQT LI JINNOTA LI

1. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) tal-Kummissjoni għall-2019 jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-politika għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE u fl-Istati Membri tagħha fl-2019: it-twassil ta' investiment ta' kwalità għolja, l-iffukar tal-isforzi tar-riformi fuq it-tkabbir tal-produttività, l-inklużività u l-kwalità tal-istituzzjonijiet, u l-iżgurar tal-istabbiltà makroekonomika u finanzi pubbliċi sodi.
2. L-UE qed tkompli tesperjenza tkabbir ekonomiku u livell rekord fl-impjiegi, iżda dan għadu mhux ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u l-pajjiżi kollha bl-istess mod. Il-klima ekonomika attwali għadha biss kif bdiet tregg'a' lura ż-żidiet fl-inugwaljanza. Filwaqt li bix-xejra attwali l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha ta' Ewropa 2020 ta' rata ta' impjieg ta' 75 %, minkejja xi titjib, il-mira sabiex 20 miljun persuna jitneħħew mir-riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali għadha ferm 'il bogħod milli tintlaħaq.
3. Fl-UE, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 6.7 % (u ta' 7.9 % fiż-żona tal-euro) f'Novembru 2018. Fit-tielet trimestru tal-2018, 239.3 miljun persuna kellhom impjieg fl-UE, 15-il miljun aktar mill-aktar livell baxx li kien intlaħaq matul il-kriżi. Il-parteciċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol qed tkompli tikber, u r-rata ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età rreġistrat l-akbar tkabbir fis-sena ta' qabel. Madankollu, f'xi pajjiżi l-qgħad u l-inattività ekonomika jibqgħu għoljin ħafna, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh u daww b'livell baxx ta' hili.
4. Fl-2017 is-sehem ta' nies f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali naqas b'mod sostanzjali. B'aktar minn ħames miljun ruħ li ħarġu mill-faqar jew mill-esklużjoni soċjali meta mqabbel mas-sena ta' qabel, l-għadd totali issa jinsab taħt il-livell ta' qabel il-kriżi tal-2008. Ix-xejra ġenerali, madankollu, tostor disparitajiet persistenti bejn l-Istati Membri, fejn xi pajjiżi jirreġistraw sehem ogħla ta' nies f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, meta mqabbla mal-2008. Ir-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jibqa' sfida b'mod partikolari għat-tfal, persuni b'diżabilità u nies li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni. L-inugwaljanza fl-introjt, li naqset f'it għall-ewwel darba mill-bidu tal-kriżi, tibqa' ogħla mil-livell li kienet qabel il-kriżi.

5. L-implimentazzjoni tar-riforma tibqa' irregolari madwar l-UE u l-klima ekonomika li għadha relattivament favorevoli tipprovdi opportunità biex jiġu adottati riformi strutturali, bil-għan li tizzied ir-reżiljenza ekonomika. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi, għandha tkun prijorità għall-promozzjoni ta' konverġenza 'l fuq fis-suq tax-xogħol, il-kondizzjonijiet soċjali u l-istandards tal-għajxien.
6. L-Istrateġija Ewropa 2020 serviet bħala qafas strateġiku fit-tul biex tiggwida t-tfassil tal-politika fis-Semestru Ewropew, u fil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi. It-tmiem tal-perijodu kopert mill-Istrateġija Ewropa 2020 qed joqrob, u jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-iżvilupp ta' qafas suċċessur.

FILWAQT LI JENFASIZZA LI

7. Tkabbir ekonomiku kontinwu rriżulta f'sitwazzjoni mtejbja tas-suq tax-xogħol, u l-ħolqien tal-impjiegi għaddej b'ritmu qawwi. Madankollu, is-sigħat li jinħadmu għadhom qed jiżdiedu aktar bil-mod mill-impjiegi totali, b'mod meqjus sinifikanti. Fl-2017 iż-żieda reali fil-pagi baqgħet taqa' wara l-produttività f'għadd ta' Stati Membri u tibqa' taħt dak li jista' jkun mistenni, meta jitqies is-suq tax-xogħol pożittiv u l-prestazzjoni ekonomika. Reġgħet qabdet ir-ritmu biss fl-2018. Il-faqar fost min għandu xogħol jibqa' għoli b'mod persistenti u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tibqa' sfida f'għadd ta' Stati Membri. Huwa importanti li l-kwalità kif ukoll il-kwantità tal-impjiegi jibqgħu taħt il-lenti, b'mod partikolari fil-kuntest tal-impatt potenzjali ta' teknoloġiji ġodda, il-globalizzazzjoni u forom ġodda ta' xogħol fis-suq tax-xogħol.
8. It-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet jibqgħu prijoritajiet ta' politika ewlenin għall-iżgurar ta' suq tax-xogħol inklużiv, u għat-twettiq tal-potenzjal ta' bidliet teknoloġiċi mghagħgla. Ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet huma aktar f'riskju ta' telf ta' impjiegi: qed ikun dejjem aktar urġenti li l-politiki jimmiraw li jtejbju l-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet għal dawk li għandhom aċċess limitat jew li m'għandhomx aċċess għat-taħriġ jew li għandhom kapaċità limitata biex ifittxu taħriġ barra x-xogħol, biex jiżguraw li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn bidliet teknoloġiċi. Il-politiki għandhom ikomplu jindirizzaw l-ispariġġ fil-ħiliet, b'mod partikolari f'setturi li x'aktarx ikunu affettwati minn xejriet emerġenti. Il-korrelazzjoni qawwija kontinwa tar-riżultati edukattivi baxxi mal-istatus soċjoekonomiku baxx u r-riżultati tas-suq tax-xogħol hija kwistjoni ta' tħassib kbir.

9. Il-potenzjal fis-suq tax-xogħol ta' gruppi li attwalment mhumieq rappreżentati biżżejjed għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ. L-integrazzjoni ta' persuni li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni, daww b'livell baxx ta' ħliet, żgħażaġh u persuni b'diżabilità għandha tissaħħaħ. Strateġiji ta' tixjiħ attiv li jippermettu lill-ħaddiema akbar fl-età jdumu aktar fis-suq tax-xogħol jgħinu biex tingħata risposta għall-isfida demografika. Aċċess usa' għal servizzi bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għall-indukrar tat-tfal u għall-kura fit-tul u politiki adegwati ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jiżguraw aktar opportunitajiet għan-nisa u l-irġiel biex jidħlu jew jibqgħu fl-impjieg u jnaqqsu r-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-Istati Membri qegħdin jagħmlu sforzi biex itejbu l-provvista tas-servizzi tal-kura, għalkemm għad hemm disparitajiet konsiderevoli. Kien hemm ħafna riformi fis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES), u bħala riżultat ta' dan tjeib it-twassil tas-servizz f'ħafna pajjiżi. Madankollu, għad hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-kapaċità tal-PES bejn il-pajjiżi u għewwa fihom. Għad hemm fejn jista' jsir titjib fil-kopertura, l-effikaċja u l-koordinazzjoni mas-servizzi soċjali kif ukoll fl-effikaċja u s-sostenibbiltà ta' ħafna politiki attivi tas-suq tax-xogħol.
10. Il-klima ekonomika favorevoli u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol issarrfu f'titjib sostanzjali fis-sitwazzjoni soċjali. Madankollu, hemm sinjali ta' lakuni fl-inklużività tat-tkabbir, billi l-introjt tal-familji qed jikber b'ritmu aktar kajman, meta mqabbel mal-PDG. Il-gravità tal-faqar, kif imkejla mill-ispariġġ tal-faqar, sejra għall-aġar f'bosta Stati Membri. F'xi Stati Membri, l-impatt imkejjel tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar ikompli jonqos.

11. L-investimenti soċjali u l-approċċi ta' prevenzjoni jsaħħu l-kapaċitajiet tal-individwi biex jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u fl-ekonomija u huma kruċjali għall-inklużività tat-tkabbir. B'mod partikolari, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal huma investiment soċjali effikaċi biex jindirizzaw l-inugwaljanza u l-isfidi li jiffaċċjaw it-tfal żvantaġġati. Barra minn hekk, azzjonijiet ta' prevenzjoni aktar effikaċi u aċċessibbli, kif ukoll kura tas-saħħa kurattiva ta' kwalità, huma premissi ewlenin għal popolazzjoni b'saħħitha u attiva, u b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-benesseri soċjali u l-prosperità ekonomika. Servizzi oħra bħall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-abitazzjoni, flimkien ma' appoġġ adegwat għad-dħul u appoġġ għar-(ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu huma essenzjali biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għal kulħadd u għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali. Aktar azzjonijiet fl-oqsma tat-tfassil tat-taxxa u tal-adeqwatezza tal-benefiċċji jistgħu jikkontribwixxu għall-inklużività tat-tkabbir u jtaffu l-faqar.
12. L-Istati Membri jkomplu jieħdu miżuri biex jindirizzaw il-bidla demografika u ż-żieda fl-istennija tal-għomor. Għall-impatt tat-tixjiħ tas-soċjetajiet Ewropej jeħtieġ li jsiru sforzi bla waqfien biex jiżguraw kemm l-adeqwatezza kif ukoll is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet, is-servizzi ta' kwalità jinżammu f'fokus u jsir investiment fihom (speċjalment biex jiġi żgurat aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-kura fit-tul), kif ukoll li jkun hemm politiki mtejba għall-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-għajxien indipendenti.
13. Il-ħolqien ta' forom ġodda ta' xogħol u l-għadd dejjem jikber ta' transizzjonijiet matul il-ħajja tax-xogħol jitolbu li jingħata aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema kollha, inkluż ħaddiema mhux standard u persuni li jaħdmu għal rashom, filwaqt li jitqiesu d-differenzi strutturali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali bejn l-Istati Membri. L-innovazzjoni u l-adattament tas-sistemi ta' ħarsien soċjali huma meħtieġa biex jindirizzaw forom ġodda ta' xogħol u sfidi futuri fl-impjiegi.
14. Djalogu soċjali li jaħdem sew jibqa' element ewlieni tal-ekonomija tas-suq soċjali Ewropew, għalkemm il-livell ta' impenn ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. L-involviment tas-sħab soċjali fit-tnejn tar-riformi jista' jtejjeb it-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom, iżid is-sens ta' sjieda tagħhom fost iċ-ċittadini u eventwalment iwassal għal riżultati soċjoekonomiċi aħjar. Għandha tingħata kunsiderazzjoni biex jiġi żgurat li s-sħab soċjali jkollhom biżżejjed kapaċità biex jipparteċipaw fid-dibattitu ta' orjentazzjoni. L-involviment ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkollu wkoll rwol importanti fl-iżgurar li r-riformi jitfasslu u jiġu implimentati b'mod effikaċi.

15. Hemm il-ħtieġa li wieħed jirrifletti fuq qafas strateġiku komprensiv ġdid biex jiggwida t-tfassil ta' politika ladarba tiskadi l-Istrateġija Ewropa 2020. Kwalunkwe qafas strateġiku bħal dan għandu jkollu fokus kontinwu qawwi fuq l-oqsma soċjali u tal-impjiegi, marbut ma' oqsma ta' politika rilevanti oħra. Għandu jkun ukoll koerenti mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.
16. Dan il-qafas strateġiku għandu jinkorpora t-tagħlimiet meħuda mill-użu tal-miri ta' Ewropa 2020 u l-monitoraġġ ta' tali strateġija. L-implimentazzjoni ta' Strateġija futura għandha tibni fuq il-proċessi tas-Semestru skont kif ġew żviluppati fis-snin reċenti. F'dan il-kuntest, il-ħidma li diġà qed issir fil-Kumitati tal-Impjiegi u tal-Protezzjoni Soċjali biex jevalwa l-esperjenza tal-Istrateġija Ewropa 2020 hija milqugħa u ser isservi biex tinforma diskussjonijiet futuri.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI:

- biex jirriflettu fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, bil-kunsiderazzjoni dovuta għall-kompetenzi rispettivi tagħhom
- biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għall-2018
- biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-kisba tal-miri tal-Ewropa 2020
- biex jużaw it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali bħala gwida għall-isforzi ta' konverġenza tagħhom
- biex jiżviluppaw viżjoni komuni dwar il-kwistjoni ta' suċċessur tal-Istrateġija Ewropa 2020, u b'mod partikolari dwar l-impjiegi u l-aspetti soċjali relatati

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI:

- biex tiżgura li l-kwistjonijiet tal-impjiegi u dawk soċjali kif ukoll l-impatti jitqiesu b'mod adatt fil-valutazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri
- biex tqis ir-riżultati tal-Istrateġija Ewropa 2020 bħala gwida għar-riflessjoni dwar oqfsa strateġiċi futuri possibbli

JAPPELLA LILL-EMCO U LILL-SPC

- biex jivvalutaw il-progress li sar lejn il-miri ta' Ewropa 2020 kif ukoll l-għodod li ntużaw għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Istrateġija Ewropa 2020, bil-ħsieb li jipprovdu lill-Kunsill rapport finali dwar l-Istrateġija Ewropa 2020, kif ukoll bażi għal pożizzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku futur
- biex ikomplu bil-ħidma tagħhom fuq is-sorveljanza multilaterali u tematika u l-valutazzjoni komparattiva, u l-monitoraġġ tagħhom tas-sitwazzjonijiet tal-impjiegi u dawk soċjali fl-Istati Membri permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali biex jagħtu lill-Kunsill bażi ta' evidenza għad-diskussjonijiet fil-proċess tas-Semestru Ewropew
- biex jaħdmu mill-qrib ma' Kumitati konsultattivi u partijiet oħrajn, b'mod partikolari l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika f'Livell Għoli u n-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, biex b'hekk tiġi żgurata kunsiderazzjoni bbilanċjata tal-kwistjonijiet ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali fis-Semestru Ewropew
- biex ikomplu jaħdmu mill-qrib mas-sħab soċjali Ewropej u s-soċjetà ċivili għall-promozzjoni ta' djalogo soċjali u ċivili effikaċi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.